**MALTA**

**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-09 ta' Marzu, 2017**

**Talba numru: 343/2016 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 11**

**Untours insurance Agents Limited (C5655) u din ghal QICI LLC kif surrogata fid-drittijiet ta' Connie Debono u l-istess Connie Debono – WMB, Old Bakery Street, Valletta**

**Vs**

**Awtorita ghat-Trasport f'Malta – Xatt l-Ghassara tal-Gheneb, Marsa**
**Kunsill Lokali, Tarxien – 73, Triq Santa Marija, Tarxien**
**Kunsill Lokali, Paola, Gnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola**

It-Tribunal ,

Ra l-**Avviż tat-talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentata fid-29 ta' Awwissu, 2017 li permezz taghha s-Socjeta' attrici talbet minghand il-konvenuti s-somma ta' disa' mija u

erba' ewro u sebgha u tmenin cenezmu (€904.87c) in konnessjoni ma' hsarat kawzati fil-vettura Fiat Brava nru HAS-707 meta fis-27 ta' Novembru, 2007 din il-vettura garbet dawn il-hsarat konsegwenza tal-hofor meta kienet ghaddejja minn Tarxien Road.

Ra n-nota ta' cessjoni tas-Socjeta' attrici prezentata fis-seduta tal-24 ta' Frar, 2017 limitatata ghal konvenuti Awtorita' ghat-Trasport u l-Kunsill Lokali Tarxien.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-Kunsill Lokali ta' Rahal Gdid ghalkemm debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax l-kawza fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-Socjeta' attrici u l-fatt li l-Kunsill Lokali konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-Socjeta' attrici irriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lil Kunsill Lokali Paola sabiex ihallas lis-Socjeta' attrici is-somma ta' disa' mija u erba' ewro u sebgha u tmenin centezmu (€904.87c).

Bl-ispejjez tal-kawza izda mhux tal-arbitragg ghar-raguni li l-Kunsill konvenut ma kienx parti f'dawk il-proceduri, a karigu tal-Kunsill konvenut.

**Av. Anna Mallia**
**Ġudikatur**